repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

9 ta' Mejju, 2020

Onor. Robert Abela
Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Valletta

Onorevoli Prim Ministru,

Qed niktbulek wara r-rapport tal-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika tas-7 ta' Mejju 2020, fejn fih huwa kkonkluda li erba' ministri minn ħamsa li investiga għamlu użu ħażin ta' flus pubbliċi ("misuse of public resources") f'reklami fuq is-social media.

Il-fatt li tlieta mill-ħames ministri ma weġbux lill-Kummissarju li huwa inkarigat mill-Parlament biex jiżgura imġieba etika huwa inkwetanti ħafna.

Ninsabu inwkwetati wkoll li l-Kummissarju ikkonkluda li jista' jkun hemm aktar ministri u segretarji parlamentari li għamlu użu ħażin mill-fondi pubbliċi u saħansitra jista' jkun hemm oħrajn li għamlu agħar ("possibly worse offenders") mill-erba' każi li nvestiga.

Aħna konvinti li din hija materja gravi ħafna f'soċjetà demokratika u ma tistax tibqa' għaddejja daqs li kieku ma ġara xejn.

Għalhekk Repubblika titolbok li:

1. tinkariga lill-Awditur Ġenerali biex jinvestiga l-użu tal-fondi pubbliċi minn Ministri u Segretarji Parlamentari f'reklami għalihom infushom fuq is-social media matul l-aħħar snin. Bejn Marzu 2013 u Settembru 2017 il-Gvern nefaq aktar minn miljun ewro f'reklami fuq is-social media.

2. Tiżgura li l-Ministri u s-Segretarji Parlamentari iroddu lura il-flus pubbliċi li nefqu f'reklami għalihom infushom meta ma setgħux jagħmlu hekk.

Aħna nqisu li dan huwa l-minimu li int, bħala bħala Prim Ministru, għandek tagħmel quddiem sitwazzjoni li l-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika iddikjara li mhix etika.

Insellu għalik,

Vicki Ann Cremona
President

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com